VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,441, 16 ta' Ġunju, 2015
Taqsima B

A.L. 199 tal-2015

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Sinjal tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, wara konsultazzjoni mal-Awortà għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 424.16

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/58/KEE dwar il-ħtiġijiet minimi għall-provvista ta' sinjali tas-sigurtà u/jew tas-saħħa fuq ix-xogħol (id-disa' Direttiva individwali fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE).

Jemenda l-Iskeda I tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-paragrafu 12 tal-Iskeda I tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"12.0 Żoni, kmamar jew spazji magħluqa użati għall-ħażna ta' kwantitajiet sinifikanti ta' sustanzi jew taħliet perikolużi għandhom ikunu indikati bi twissija xierqa b'sinjal meħud mill-paragrafu 3.2 tal-Iskeda II li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jew għandhom ikunu mmarkati kif stipulat fil-paragrafu 1 tal-Iskeda III għajr jekk l-ittikkettar tal-kontenituri jew tal-pakketti individwali jkun adegwat għal dan l-iskop.

Jekk ma jkun l-ebda sinjal ta' twissija ekwivalenti fil-paragrafu 3.2 tal-Iskeda III li jwissi lill-persuni dwar sustanzi jew taħliet kimiċi perikolużi, għandha tintuża l-pittogramma ta' periklu rilevanti, kif stipulata fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill.".

Jemenda l-Iskeda II tar-regolamenti prinċipali.

3. L-Iskeda II tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-sinjal tat-twissija li tinsab fil-paragrafu 3.2 tagħha "Materjal noċiv jew irritanti" għandu jiġi mħassar; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) Marbuta mas-sinjal tat-twissija "Periklu ġenerali" għandha tiżdied in-nota f'qiegħ il-paġna li ġejja:

"*Dan is-sinjal ta' twissija m'għandux jintuża biex iwissi lill-persuni dwar sustanzi jew taħliet kimiċi perikolużi, ħlief għal każijiet meta s-sinjal ta' twissija jintuża f'konformità mat-tieni paragrafu tal-paragrafu 5 tal-Iskeda III biex jindika l-ħażniet ta' sustanzi jew taħliet perikolużi.".

Jemenda l-Iskeda III tar-regolamenti prinċipali.

4. L-Iskeda III tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-kontenituri użati fuq il-post tax-xogħol għal sustanzi jew taħlitiet kimiċi bħala perikolużi skont il-kriterji għal kwalunkwe klassi ta' periklu fiżiku jew għas-saħħa skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, u kontenituri użati għall-ħażna ta' tali sustanzi jew taħlitiet perikolużi, flimkien mal-pajpijiet viżibbli li jkun fihom jew li jittrasportaw tali sustanzi u taħlitiet perikolużi, għandhom ikunu ttikkettati bil-pittogrammi ta' periklu rilevanti f'konformità ma' dak ir-Regolament.

L-ewwel paragrafu ma japplikax għal kontenituri użati għax-xogħol għal perjodi qosra u l-anqas ma japplika għal kontenituri li l-kontenuti tagħhom jinbidlu b'mod frekwenti, dment li jittieħdu miżuri alternattivi adegwati, b'mod partikolari dwar informazzjoni u/jew taħriġ, li jiggarantixxu l-istess livell ta' protezzjoni.

It-tikketti msemmija fl-ewwel paragrafu jistgħu jkunu:

- mibdula b'sinjali ta' twissija stipulati fl-Anness II, bl-użu tal-istess pittogrammi jew simboli. Jekk ma jkun hemm l-ebda sinjal ta' twissija ekwivalenti fit-Taqsima 3.2 tal-Anness II, għandha tintuża l-pittogramma ta' periklu rilevanti stipulata fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

- miżjuda b'informazzjoni addizzjonali, bħall-isem u/jew il-formula tas-sustanza jew it-taħlita perikoluża u d-dettalji tal-periklu;

- għat-trasport ta' kontenituri fuq il-post tax-xogħol, issupplementata jew mibdula b'sinjali li

VERŻJONI ELETTRONIKA

huma applikabbli fl-Unjoni kollha għat-trasport ta' sustanzi jew taħlitiet perikolużi."; u

(b) fl-ewwel u fit-tieni paragrafu 5, il-kliem "preparati perikolużi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "taħlitiet perikolużi"."